# L-Istorja tal-Każin u l-Banda San Pawl

MINN PAUL CALLUS

Il-Każin San Pawl twaqqaf taħt l-isem ta' *Circolo San Paolo* f'Jannar ta' l-1929. Kien maħsub li dan il-każin jibda jgħin ħalli l-festa parrokkjali tkun organizzata mill-aħjar possibbli, u biex iservi wkoll bħala post ta' rikreazzjoni għas-soċji.

Twaqqaf kumitat biex jieħu ħsieb it-tmexxija tal-każin. Ma nafux min kienu l-membri kollha ta' dan il-kumitat, iżda żgur li l-President kien Pawlu Busuttil (Il-Fokli) filwaqt li Filomeno Cachia (Ta' Bertu) kien Viċi President. Dan ta' l-aħħar kien iżomm il-kotba tal-Kaxxier u jniżżel il-minuti li normalment hu xogħol is-Segretarju. Għall-bidu s-soċji kienu jlaħħqu madwar tliet tużżani. Inkera l-lok numru 2 f'Misraħ il-Knisja mingħand Emmanuel Busuttil (Ta' l-Ispettur) għas-somma ta' ħames liri fis-sena. Biex inxtraw l-affarijiet neċessarji (fosthom siġġijiet, imwejjed, sopraporti, purtieri, inkwadri, u lampi) kellhom jissellfu xi flus li tħallsu lura fi żmien sena. Intrama wkoll il-bottegin, u nxtraw arblu u bandiera. Sehem il-Każin fil-festa malajr deher peress li ħadem mill-ewwel biex jinġiebu l-baned u jinħaraq in-nar.

Mal-wasla tat-Tieni Gwerra Dinjija Ħal Safi laqa' fi ħdanu għadd ta' refuġjati; uħud minnhom sabu kenn fil-każin. Minħabba f'hekk il-post ma serviex ta' Każin għal madwar erba' snin, imbagħad reġa' fetaħ fl-1945. In-numru ta' soċji kompla jikber. Fuq insistenza ta' bosta minnhom ġie deċiż illi l-Każin jibda jorganizza rappreżentazzjonijiet tat-tejatrin, li fil-fatt bdew jittellgħu minn atturi tal-lokal kif ukoll minn kumpaniji barranin.

Fl-1949 il-Każin ħa sehem f'żewġ festi mhux tas-soltu li kienu tal-Madonna ta' Fatima u dik tal-Kungress Marjan. Dik l-istess sena twarrbu l-lampi tal-pitrolju meta ddaħħal id-dawl elettriku ġewwa l-Każin. Għall-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tad-dawl fir-raħal attenda l-Prim Ministru Sir Paul Boffa li għalih sar trattament fis-sala tal-Każin. Sentejn wara, fl-1951, sar trattament ieħor fil-Każin, din id-darba ad unur il-Gvernatur Sir Gerald Creasy li għamel żjara lir-raħal. Fl-1956 fi ħdan il-Każin twaqqfet fergħa taż-ŻHN. Din kien jieħu ħsiebha Dun Karm Vella li kien għadu kemm inħatar Direttur Spiritwali tal-Każin. Iż-żgħażagħ imsieħba ġodda bdew jorganizzaw logħob tal-futbol b'riżultati wisq pożittivi. L-ispirtu żagħżugħ ta spinta biex jiġu organizzati attivitajiet oħra fosthom xalati, logħob tat-table-tennis, table-soccer u snooker, speċjalment wara li l-Forzi ta' l-Ajru Ingliżi li kienu stazzjonati f'Ħal Safi irregalaw mejda tal-biljard lill-Każin.
Sehem importanti kellu l-Każin fl-1960 meta kienu ċċelebrati l-Festi Ċentinarji ta' San Pawl li damu sejrin ġimagħtejn. Il-Kappillan u l-Każin ħadmu flimkien sabiex l-okkażjoni tkun waħda memorabbli li tirnexxi minn kull lat.

Fl-1962 fir-raħal tqiegħdet u tbierket l-ewwel ġebla ta' l-iskola l-ġdida. Dak inhar attendew l-Isqof E. Galea u l-Prim Ministru Dr. Ġorġ Borg Olivier. Wara ċ-ċerimonja t-tnejn li huma, flimkien ma' nies distinti oħrajn, kienu mistiedna għal riċeviment li sar fil-Każin. Lill-Isqof ippreżentawlu kallotta u lill-Prim Ministru tawh *paper-knife* tal-fidda bl-arma tal-Granmastru De Rohan.

L-ewwel biċċa xogħol mużikali li qatt ġiet ikkummissjonata mill-Każin San Pawl kienet dik tal-1981. Inkiteb Innu/Marċ bi kliem ta' Joseph Zerafa u mużika tas-Surmast Emmanuel Bugeja.Biċċa xogħol iebsa kellu l-Każin fl-1984 meta l-parroċċa ċċelebrat għeluq il-mitejn sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja. Il-festi saru mit-3 sas-17 ta' Ġunju, u tista' tgħid li kienu suċċess kbir.

Kien fl-1985 illi s-soċji, taħt il-Presidenza ta' Pawlu Schembri, qablu li jsir sforz biex jinxtara l-bini tal-Każin. Intlaħaq ftehim mas-sidien, u x-xiri sar wara kuntratti li tfasslu għand in-Nutar C. Mangion u l-Avukat L. Gonzi. Il-ħsieb oriġinali li jitranġa l-Każin inbidel f'wieħed aktar ambizzjuż ... dak li jinbena każin kompletament ġdid. U tabilħaqq li hekk sar wara li waslu offerti sbieħ m'għand Pawlu Cutajar (Tal-Maxku), l-aħwa Carmel u Pawlu Polidano (Taċ-Ċaqnu) u Emmanuel Cachia (tal-Feles), u ngabru l-flus mingħand il-poplu ta' Ħal Safi. Saret il-pjanta mill-Perit Ninu Zammit, u x-xogħol beda f'Settembru 1987. F'erbat ijiem il-lok inħatt, imbagħad f'Ottubru beda l-bini, xogħol fuq tliet sulari, li ħa madwar sena sabiex tlesta. Kienu bosta dawk il-persuni li b'xi mod jew ieħor ikkontribwew sabiex din il-ħolma tirnexxi (araw: *Każin San Pawl Safi*, kitba P. Callus; 1989). Sehem importanti kellha anki l-Fergħa Tan-Nisa fi ħdan il-Każin.

Għal paġna 91

*Minn paġna 89*

Sakemm saret il-ħidma kollha l-Każin baqa' jopera mill-garaxx tal-familja Busuttil (Ta' Manwel).

Il-Każin il-ġdid iżżanżan uffiċjalment mill-*iSpeaker* tal-Parlament, l-Avukat Lawrence Gonzi; tbierek mill-Kappillan Dun Victor Scicluna. Dak inhar sar trattament għan-nies kollha ta' Ħal Safi u għall-mistiedna speċjali. Il-ħeġġa li ġab miegħu l-bini tal-Każin il-ġdid wasslet biex titwaqqaf banda tar-raħal. Dan il-proġett kien afdat f'idejn Mro.Tony Pace megħjun minn Anthony Busuttil (Tat-Teqqa). It-tagħlim ta' l-alljevi beda f'Ottubru 1988; hawn waslet ukoll l-għajnuna ta' Sylvana Camilleri. Ma damux ma bdew jinxtraw l-istrumenti għal dawk avanzati fit-tagħlim.

L-ewwel programm mużikali tal-Banda San Pawl wasal fl-24 ta' Diċembru, 1989. Idderieġa l-Banda u l-Kor Sine Macula s-Surmast Tony Pace. Is-sena ta' wara, 1990, l-istess Surmast ikkompona l-Innu/Marċ lill-*Każin u Banda San Pawl* fuq kliem ta' Paul Callus; dan indaqq waqt il-marċ tal-Ħadd filgħodu. Iktar 'il quddiem inħatar Ugo Buhagiar bħala surmast tal-Banda. Inxtraw aktar strumenti u marċi, u nħadmu libretti, leġiji, stendard u planċier. Il-Banda bdiet tagħti l-kontribut tagħha fil-festa tar-raħal u f'lokalitajiet oħrajn. Is-Surmast Buhagiar kiteb l-*Innu tal-Banda* fl-1992 u *Innu (ad unur San Pawl)*, kliem ta' Carmel Bianchi, fl-1999. F'għeluq il-ħames snin minn twelid il-Banda ttellgħet Akkademja Mużikali fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Safi (22/01/94) taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta Dr. Ċensu Tabone.

Biex jitfakkru l-għaxar snin mit-twaqqif tal-Banda nżamm Programm Vokali u Strumentali fl-Iskola ta' Ħal Safi taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-Professur Guido De Marco.

F'Novembru 2001 laħaq Mro. Michael Bugelli bħala surmast tal-Banda. Il-Każin iddeċieda li mill-ġdid isir innu għal San Pawl. Il-kliem għalih kitbu Paul Callus u l-kompożizzjoni għamilha Mro. Raymond Sciberras.

Fil-bidu l-arkivju mużikali tal-Banda kien fdat f'idejn Tony Mifsud (Tal-Posta); wara dan għadda għal għand Francelle Zahra.

Kemm ilha mwaqqfa, il-Banda rrekordjat tliet cassettes, fl-1992, fl-1993 u fl-1999, imbagħad fl-2002 ħarġet CD. Minbarra f'Ħal Safi l-Banda daqqet f'dawn il-postijiet: il-Kalkara, il-Belt Valletta, il-Marsa, Birżebbuġa, Ħal Qormi, l-Armier, Birkirkara, il-Qrendi, Ħal Kirkop, u l-Furjana. Ta' min isemmi illi f'Marzu ta' din is-sena 2002, il-Banda San Pawl ħarġet barra minn xtut artna meta marret Tunes fejn daqqet fil-Karnival li jiġi organizzat hemmhekk, u fejn intlaqgħet ferm tajjeb.

Fl-aħħar nett xieraq li niftakru fil-fergħa taż-Żgħażagħ Pawlini li hemm fi ħdan il-Każin. Din qiegħda tagħti riżultati siewja, u żgur li għandha tkun ta' garanzija għall-futur fejn jidħlu l-Każin u l-Banda San Pawl ta' Ħal Safi.

# Kummissjoni Banda



***Mix-xellug:***
***Mariosa Camilleri, Charlene Farrugia, Emanuel Zahra, Tarcisio Barbara, Emanuel Debono, Duncan Camilleri***